

Brussell, 7 ta' Frar 2020
(OR. en)

5319/20

Fajls Interistituzzjonali:
2018/0413(CNS)
2018/0412(CNS)

FISC 29
ECOFIN 23

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	It-trażmissjoni u l-iskambju tad-data dwar il-pagamenti rilevanti għall-VAT a) Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE rigward l-introduzzjoni ta' ċerti rekwiżiti għall-fornituri ta' servizzi ta' pagament b) Regolament tal-kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 dwar miżuri biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni amministrattiva għall-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT – Adozzjoni

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-12 ta' Diċembru 2018, il-Kummissjoni ppreżentat żewġ proposti leġiżlattivi dwar it-trażmissjoni u l-iskambju tad-data dwar il-pagamenti rilevanti għall-VAT:

i) proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE rigward l-introduzzjoni ta' ċerti rekwiżiti għall-fornituri tas-servizzi ta' pagament;¹

ii) proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 dwar miżuri biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni amministrattiva għall-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT².

¹ Dok. 15508/18.

² Dok. 15509/18.

2. Dawn iż-żewġ proposti leġislattivi għandhom l-għan li jiffaċilitaw l-identifikazzjoni tal-frodi tat-taxxa mill-awtoritajiet tal-Istati Membri u li jikkomplementaw il-qafas regolatorju attwali tal-VAT kif modifikat reċentement bid-Direttiva dwar il-VAT għall-kummerċ elettroniku³. L-oġettivi tal-proposti huma:
 - i) li jiġu stabbiliti regoli tal-UE li jippermettu lill-Istati Membri jiġbru b'mod armonizzat ir-rekords li jkunu elettronicament disponibbli mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament; u
 - ii) li tiġi stabbilita sistema elettronika ċentrali ġdida għall-ħżin tal-informazzjoni dwar il-pagamenti u għall-ipproċessar ulterjuri ta' din l-informazzjoni minn uffiċjali ta' kontra l-frodi fl-Istati Membri fil-qafas tal-Eurofisc (l-Eurofisc huwa n-netwerk għall-iskambju multilaterali ta' sinjali ta' twissija bikrija fil-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT, stabbilit skont il-Kapitolu X tar-Regolament (UE) Nru 904/2010).
3. Fit-8 ta' Novembru 2019, il-Kunsill ECOFIN laħaq approċċ ġenerali dwar dawn iż-żewġ proposti leġislattivi⁴.
4. Il-Parlament Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fis-17 ta' Diċembru 2019⁵. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-15 ta' Mejju 2019⁶.

³ Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/2455 tal-5 ta' Diċembru 2017 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE u d-Direttiva 2009/132/KE fir-rigward ta' ċerti obbligi tat-taxxa fuq il-valur miżjud għall-provvisti ta' servizzi u għall-bejgħ mill-bogħod ta' oġġetti (*ĠU L 348, 29.12.2017, p. 7*).

⁴ Dok. 13519/19.

⁵ 2018/0412(CNS) - P9_TA(2019)0090 u 018/0413(CNS) - P9_TA(2019)0091.

⁶ *ĠU C 240, 16.7.2019, p. 33*.

5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' laqgħa li jmiss, l-atti li ġejjin, kif iffinalizzati mill-ġuristi-lingwisti:
- a) Id-Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE rigward l-introduzzjoni ta' ċerti rekwiżiti għal fornituri tas-servizzi ta' pagament, kif tinsab fid-dok. 14127/19 FISC 447 ECOFIN 1016;
 - b) Ir-Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 dwar miżuri biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni amministrattiva għall-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT, kif tinsab fid-dok. 14128/19 FISC 448 ECOFIN 1017.
-